

Brussell, 25 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13965/21

LIMITE

EF 347
ECOFIN 1098
CODEC 1483

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0270(COD)

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Tishiĥ tal-Unjoni Bankarja - Rapport ta' progress tal-Presidenza

Sommarju

Id-diskussjonijiet dwar it-tishiĥ tal-Unjoni Bankarja fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill matul il-Presidenza Slovena ffokaw fuq l-elementi tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu.

Fil-fehma ta' xi Stati Membri, **l-analiżi tal-EBA fir-rigward tal-kapaċità tal-banek fl-UE li jaċċessaw il-finanzjament tar-risoluzzjoni** appoġġat l-idea li l-qafas ta' risoluzzjoni attwali mhuwiex komplut, peress li ma jipprevjenix ir-rikapitalizzazzjoni interna ta' depożiti eliġibbli 'l fuq mil-limitu ta' kopertura. Stati Membri oħra enfasizzaw il-fatt li, fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, anki banek żgħar ħafna reċentement kienu kapaċi joħorġu strumenti eliġibbli għall-MREL. Dawn l-Istati Membri saħqu fuq l-importanza tal-MREL biex jiġi evitat li dawn id-depożiti jintużaw fil-kondiviżjoni tal-piżijiet. L-Istati Membri appoġġaw b'mod ġenerali **analiżi ulterjuri tal-kapaċità tal-banek li joħorġu MREL u tal-kostijiet relatati**.

Rigward il-proposta li **jiġi permess l-aċċess għal finanzjament tar-riżoluzzjoni pprovdut mill-industrija għall-prevenzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna ta' depożiti eliġibbli 'l fuq mil-limitu ta' kopertura**, bil-ħsieb li jitnaqqas l-użu tal-ġhajnuna ta' likwidità, kien hemm tliet gruppi ta' Stati Membri. Bosta ma appoġġawx il-proposta. L-Istati Membri qiesu r-rekwiżit tal-MREL bħala linja suffiċjenti ta' difiża li tista' tiġi stabbilita fil-każijiet kollha biex tipprevjeni r-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti jew ma rawx il-ħtieġa li tiġi evitata r-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti. Fehma kondiviża b'mod wiesa' fost dawn l-Istati Membri kienet li l-impenji ta' finanzjament tal-SGD ma għandhomx jitwessgħu. Barra minn hekk, għandha tinżamm is-superpriorità tad-depożiti koperti/SGD. Soluzzjonijiet alternattivi proposti għar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tar-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti 'l fuq mil-limitu ta' kopertura inkludew sensibilizzazzjoni akbar tad-depożitanti li r-rikapitalizzazzjoni interna ta' xi depożiti hija possibbli u ż-żieda fit-trasparenza tal-kundizzjoni finanzjarja tal-banek biex tiġi vvalutata din il-possibbiltà. Dawn l-Istati Membri kienu kontra l-għażliet ta' finanzjament li jkunu jeħtieġu bidliet fil-kundizzjoni ta' limitu ta' TLOF ta' 8 %. Madankollu, Stati Membri oħra appoġġaw il-proposta. Fl-opinjoni tagħhom, in-nuqqas ta' aċċess għal fondi ta' riżoluzzjoni jew SGD fejn meħtieġ dgħajjef il-kredibbiltà tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Dawn l-Istati Membri appoġġaw użu aktar frekwenti ta' trasferimenti ta' assi u obligazzjonijiet fir-riżoluzzjoni ta' banek. Sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni għall-involvement tal-SGD fil-finanzjament tat-trasferimenti, huma appoġġaw bidliet fil-ġerarkija tal-kredituri. Xi Stati Membri f'dan il-grupp kienu miftuħa wkoll għall-possibbiltà li jirrevedu l-limitu ta' TLOF ta' 8 % bħala għażla ta' finanzjament. It-tielet grupp, iżgħar, ta' Stati Membri għaraf l-eżistenza ta' xi wħud mill-problemi msemmija fil-qafas attwali. Dawn baqgħu miftuħa għal xi wħud mis-soluzzjonijiet proposti, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet stretti. Dawn l-Istati Membri kienu lesti jikkunsidraw l-użu ta' strateġiji ta' trasferiment iffinanzjati minn SGD, iżda mhux li jinbidel il-limitu ta' TLOF ta' 8 %.

Skont xi Stati Membri, **biex jitnaqqas l-użu tal-ghajjuna ta' likwidità bħala alternattiva għall-MREL u l-fondi pprovduti mill-industrija f'riżoluzzjoni**, ma kienx hemm bżonn li jinbidlu l-inċentivi, iżda pjuttost li jingħalqu l-lakuni li attwalment jippermettu l-użu tal-alternattivi. Stati Membri oħra rrikonoxxew li parti mill-problema tirriżulta min-nuqqasijiet tal-qafas attwali. Dawn kienu jinkludu aċċess insuffiċjenti għal finanzjament ta' riżoluzzjoni pprovdut mill-industrija, jew li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku (PIA) mhix definita b'mod wiesa' biżżejjed. Madankollu, kien hemm differenzi sostanzjali fil-fehmiet dwar kif dan għandu jiġi solvut.

Fid-diskussjoni dwar **armonizzazzjoni possibbli tal-proċeduri ta' stralċ għall-banek**, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw id-dikotomija ta' "riżoluzzjoni versus likwidazzjoni" fil-qafas tal-BRRD. Xi wħud qablu li, f'termini ta' eżiti u għodod użati, jista' jiġi previst qafas aktar kontinwu, iżda mhux neċessarjament qablu mal-kunċett li l-qafas ta' stralċ għandu jkun il-punt tat-tluq. F'dak l-ispirtu, l-Istati Membri appoġġaw b'mod wiesa' l-punt ċentrali li l-PIA għandha fil-qafas ta' riżoluzzjoni, u xi wħud ikkunsidraw li għandha titwessa' biex tinkludi aktar banek f'riżoluzzjoni. Xi Stati Membri appoġġaw l-użu ta' għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni fil-proċeduri ta' stralċ, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. Oħrajn, madankollu, kienu tal-fehma li l-proċedimenti normali ta' insolvenza fis-seħħ fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom ipprevedew oqfsa sodi biżżejjed għal ħruġ mis-suq ordnat mill-banek. Xi wħud kienu kontra armonizzazzjoni ulterjuri tal-oqfsa nazzjonali ta' stralċ jew l-applikazzjoni ta' għodod simili għal riżoluzzjoni fl-oqfsa ta' likwidazzjoni nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri appoġġaw b'mod ġenerali l-irfinar tad-definizzjoni ta' stralċ fil-BRRD u l-oġġettiv ta' ħruġ mis-suq wara PIA negattiva. Madankollu, kellhom fehmiet diverġenti dwar x'għandu jinvolvi l-ħruġ mis-suq. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qablu, fil-prinċipju, li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' bank FOLTF ma għandux ikun awtomatiku. Ma kien hemm l-ebda appoġġ fir-rigward tal-proposta biex jintuża l-ħruġ ordnat mis-suq ta' bank bħala oġġettiv espliċitu ta' riżoluzzjoni addizzjonali. L-Istati Membri kienu tal-fehma li, b'mod ġenerali, is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti/ta' riżoluzzjoni biex jittrattaw mal-banek FOLTF kienu suffiċjenti.

1. Introduzzjoni

Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan Direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja, kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2016 (dok. 10460/16, "Pjan Direzzjonali tal-2016"), il-Kunsill kompla l-ħidma tiegħu bil-għan li jsaħħaħ l-Unjoni Bankarja.

Il-progress li sar fil-Kunsill dwar it-tiħih tal-Unjoni Bankarja ġie ppreżentat f'rapporti ta' progress imħejjija mill-Presidenza Netherlandiża (dok. 10036/16), il-Presidenza Slovakka (dok. 14841/16), il-Presidenza Maltija (dok. 9484/17), il-Presidenza Estonjana (dok. 14808/17), il-Presidenza Bulgara (dok. 9819/18), il-Presidenza Awstrijaka (dok. 14452/18), il-Presidenza Rumena (dok. 9729/19 ADD1), il-Presidenza Finlandiża (dok. 14354), il-Presidenza Kroata (dok. 8335/20 ADD 1), il-Presidenza Ġermaniża (dok. 13091/20) u l-Presidenza Portugiża (dok. 9311/21). Dan ir-rappurtar huwa konformi mal-mandat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja (dok. 8728/21, "Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill").

F'Ġunju 2019, il-President tal-Grupp tal-Euro tenna fl-ittra tiegħu lis-Summit tal-Euro li tkun meħtieġa aktar ħidma teknika biex jiġi definit perkors tranżitorju lejn l-istat stabbli tal-Unjoni Bankarja, b'konformità mal-elementi kollha tal-Pjan Direzzjonali tal-2016. Din il-ħidma għandha tinkludi pjan direzzjonali għall-bidu ta' negozjati politiċi dwar skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti (EDIS). Il-Grupp tal-Euro f'format inklużiv ta' mandat lill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli (HLWG) dwar l-EDIS biex ikompli din il-ħidma u jirrapporta lura b'mod regolari.

F'Ġunju 2021, is-Summit tal-Euro f'format inklużiv tenna l-impenn sħiħ tal-mexxejja għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u stieden lill-Grupp tal-Euro f'format inklużiv biex jaqbel, mingħajr dewmien u fuq bażi konsenswali, dwar pjan ta' ħidma gradwali u marbut biż-żmien dwar l-elementi pendenti kollha meħtieġa biex jinkiseb dan.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ilha taħdem fuq rieżami tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożitu (CMDI) f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021. Ir-rieżami jiffoka fuq tliet testi leġislattivi tal-UE: id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD), ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR) u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD). Fil-bidu tal-2021, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi - waħda ġenerali u waħda mmirata - biex titlob l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar l-esperjenza tagħhom bil-qafas tas-CMDI introdott wara l-kriżi finanzjarja globali. Il-konsultazzjonijiet żvelaw kunsens fost dawk li wiegħbu li l-qafas kien titjib meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel il-kriżi finanzjarja dinjija u li l-oġettivi tal-qafas tas-CMDI, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu nkisbu. Madankollu, it-tweġibiet enfasizzaw ukoll xi oqsma fejn jista' jsir titjib.

Fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN f'Lulju 2021, il-Kummissjoni fittxet aktar ċarezza dwar il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u indikat li kienet qed tipprevedi r-rieżami tal-qafas ta' ġestjoni tal-kriżijiet bħala parti mill-pjan ta' ħidma usa' biex titlesta l-Unjoni Bankarja.

Bi tkomplija fuq l-approċċ tal-presidenzi preċedenti (u l-aktar reċenti dak tal-Presidenza Ġermaniża u tal-Presidenza Portugiża), u b'mod parallel mad-diskussjonijiet politiċi li saru fl-HLWG tal-Grupp tal-Euro dwar l-EDIS dwar l-elementi kollha tal-istat stabbli tal-Unjoni Bankarja, il-Presidenza Slovena kompliet id-diskussjonijiet dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja. Fil-25 ta' Ottubru 2021 saret vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill. Il-laqgħa saret bil-għan li tiġi ppreżentata t-tweġiba reċenti tal-EBA għas-sejħa tal-Kummissjoni għal parir dwar il-finanzjament tar-riżoluzzjoni u l-insolvenza, u jiġu diskussi, abbażi ta' żewġ dokumenti informali tal-Presidenza, (1) l-aċċess għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni, ir-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti u l-użu tal-għajnuna mill-Istat u (2) reġim armonizzat għall-istralċ tal-banek. L-analiżi tal-EBA tippreżenta analiżi kwantitattiva relatata mal-kwistjonijiet diskussi fid-dokument informali tal-Presidenza (1). Id-diskussjoni ffukat fuq sitwazzjonijiet wara dikjarazzjonijiet ta' status ta' "qed tfalli jew probabbilment ser tfalli" (FOLTF).

Il-Presidenza infurmat lill-HLWG dwar l-EDIS dwar id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill fil-laqgħa tal-HLWG tal-15 ta' Novembru 2021.

Dan ir-rapport ta' progress jiġbor fil-qosor id-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill u jieħu kont tal-fehmiet tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma. Madankollu, tħejja taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza. Huwa maħsub biex jipprovdi kontinwità ma' dak li nkiseb taħt Presidenzi preċedenti u biex jiffaċilita l-kompitu tal-presidenza li jmiss. Ma għandux jitqies vinkolanti, peress li jippreżenta l-valutazzjoni tal-Presidenza tal-eżitu tad-diskussjonijiet.

2. It-tweġiba tal-EBA għas-sejħa tal-Kummissjoni għal parir dwar finanzjament tar-riżoluzzjoni u l-insolvenza

Fil-kuntest tar-rieżami tas-CMDI, il-Kummissjoni talbet li l-EBA tipprovdi parir tekniku mmirat dwar sorsi possibbli ta' finanzjament (interni u esterni) biex jiġi ttrattat falliment ta' bank friżoluzzjoni u insolvenza, inkluż dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għal finanzjament estern. L-EBA analizzat il-kapaċità tal-assorbiment tat-telf intern u r-rikapitalizzazzjoni interna potenzjali tad-depożitanti friżoluzzjoni tal-banek fl-UE kif ukoll il-kapaċità tal-banek biex jaċċessaw arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni abbażi ta' statistika deskrittiva relatata mad-data tal-karta tal-bilanċ tal-banek, li tippermetti li jiġi vvalutat u mqabbel l-impatt marġinali tal-implimentazzjoni ta' diversi opzjonijiet ta' politika, u wżat approċċ ta' mudellar biex jiġi simulat xenarju ta' kriżi bankarja. It-tweġiba tivvaluta wkoll id-diffikultajiet li banek żgħar u ta' daqs medju jirrapportaw li jaffaċċjaw meta joħorġu strumenti eliġibbli għall-MREL.

Xi Stati Membri ħassew li hemm żvantaġġi sinifikanti fl-esponiment ta' depożiti mhux koperti għar-rikapitalizzazzjoni interna u qiesu l-qafas ta' riżoluzzjoni attwali bħala mhux komplut fir-rigward tal-prevenzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna tagħhom, b'mod partikolari wara li l-biċċa l-kbira tar-riżervi tal-bank jiġu eżawriti, kif dan x'aktarx ikun il-każ fi FOLTF. Għadd żgħir ta' Stati Membri qiesu l-aċċess ta' banek żgħar għas-swieq kapitali bħala diffiċli. Madanakollu, oħrajn laqgħu l-fatt li, fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari matul il-perijodu reċenti ta' kondizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, anke banek żgħar ħafna setgħu joħorġu strumenti eliġibbli għall-MREL. Dawn enfasizzaw l-importanza tal-MREL biex jiġi evitat li d-depożiti jiddaħħlu fil-kondiviżjoni tal-piżijiet.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri appoġġaw u ħeġġew lill-EBA biex twettaq analiżi ulterjuri tal-kapaċità tal-banek li joħorġu MREL u kemm jiswa dan. Fil-laqgħa, il-Kummissjoni rrapportat riżultati tal-analiżi tagħha stess li, għalissa, jindikaw li l-banek f'għadd ta' Stati Membri ma ħarġux obligazzjonijiet eliġibbli għall-MREL, minħabba raġunijiet tranżitorji u/jew strutturali. Ir-raġunijiet jeħtieġ li jiġu esplorati aktar.

3. L-aċċess għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni, ir-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti u l-użu tal-għajnuna mill-Istat

Id-dokument informali huwa magħmul minn żewġ partijiet. L-ewwel waħda tiffoka fuq li jsir titjib speċifiku għall-qafas ta' riżoluzzjoni tal-UE billi tiġi proposta l-estensjoni tal-protezzjoni tad-depożiti eliġibbli lil hinn mid-depożiti koperti f'sitwazzjonijiet fejn ir-rikapitalizzazzjoni interna obligatorja tagħhom - li tkun meħtieġa biex jintlaħaq il-limitu ta' TLOF ta' 8 % meħtieġ għall-aċċess għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni - twassal għal kompromess bejn il-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-aċċess għal xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija. Il-premessa tad-dokument informali hija li d-depożiti għandhom karatteristiċi li jistgħu jagħmluhom differenti minn obligazzjonijiet bankarji oħrajn li fil-prinċipju jistgħu jiġu rikapitalizzati internament. Dawn jistgħu jkunu mezz importanti ta' kontagġu indirett. Premessa oħra hija li l-kredibbiltà tal-qafas ta' riżoluzzjoni tiddependi fuq l-iżgurar li l-banek kollha li jeħtieġ li jiġu riżolti jistgħu jiġu riżolti fi ħdan il-qafas, u li dan isir billi jiġi minimizzat l-aċċess għall-flus tal-kontribwenti.

Il-proposta tkun applikabbli għall-banek b'mod ġenerali, jiġifieri mhux limitata għal banek b'xi karatteristika speċifika. Fl-istess ħin, issaħħaħ in-newtralità tal-mudell tan-negozju tal-qafas ta' riżoluzzjoni attwali: iż-żamma tal-MREL bħala l-ewwel linja ta' difiża kontra l-użu ta' finanzjament estern f'każ ta' falliment ta' bank, iżda stabbilit b'mod proporzjonat għall-istruttura ta' finanzjament tal-bank (u l-kompożizzjoni tal-assi relatati). Pereżempju, il-banek żgħar u ta' daqs medju, fil-prinċipju, ma jistgħux ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-MREL flivell li jiżgura li l-limitu ta' TLOF ta' 8 % jintlaħaq f'każ li jfallu. Il-proposta tkun applikabbli għal kwalunkwe bank meta (a) il-valutazzjoni tal-interess pubbliku (PIA) fil-punt ta' FOLTF tikkonkludi li l-oġġettivi tar-riżoluzzjoni jkunu ppreżervati aħjar permezz ta' riżoluzzjoni milli permezz ta' likwidazzjoni; (b) il-limitu ta' TLOF ta' 8 % jista' jintlaħaq biss permezz ta' rikapitalizzazzjoni interna f'depożiti eliġibbli 'l fuq mil-limitu ta' kopertura; (c) l-applikazzjoni ta' għodda ta' trasferiment hija possibbli; u (d) il-ħruġ mis-suq tal-bank huwa assigurat. F'każ bħal dan, ikun disponibbli finanzjament minn riżoluzzjoni u/jew fondi tal-SGD.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qiesu l-MREL bħala l-ewwel linja kruċjali ta' difiża. Bosta Stati Membri qisuha wkoll bħala linja ta' difiża suffiċjenti. Dan kien minħabba li qiesu r-rikapitalizzazzjoni interna ta' depożiti mhux koperti bħala, fil-prinċipju, mhux problematika għall-istabbiltà finanzjarja (u Stat Membru wieħed kien diġà ppruvaha b'suċċess). Oħrajn qablu mal-premessa li r-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti għandha, fil-prinċipju, tiġi evitata, iżda sostnew li MREL suffiċjenti, b'mod partikolari fil-forma ta' strumenti subordinati, għandha u tista' tiġi stabbilita fil-każijiet kollha biex jiġu prevenuti tali rikapitalizzazzjonijiet interni mingħajr ma tiġi pperikolata d-diversità tal-mudell tan-negozju tal-banek fl-UE. Huma ma appoġġawx il-proposta, għalkemm xi wħud ma eskludewhix fil-każ li analiżi ulterjuri, kif diskuss fil-kuntest tal-preżentazzjoni tal-EBA, kellha turi li xi banek tabilħaqq għandhom problemi relatati mal-kapaċità tagħhom li joħorġu MREL jew mal-kost biex jagħmlu dan. Għadd żgħir ta' Stati Membri qiesu l-proposta bħala li toħloq eċċezzjoni mhux ġustifikata, jew saff ieħor ta' riżoluzzjoni għal mudell ta' negozju bankarju speċifiku, jew bħala iġusta għal dawk il-banek li emendaw il-mudelli ta' negozju tagħhom minn meta ġew introdotti r-regoli tal-MREL fl-2015. Fil-kuntest tas-soluzzjonijiet ta' finanzjament proposti, xi Stati Membri enfasizzaw li fil-fehma tagħhom, il-fondi tal-SGD għandhom jintużaw primarjament biex jiġu żborżati d-depożiti. Xi wħud opponew ukoll bidla fil-ġerarkija tal-kredituri, li tkun meħtieġa biex tiżdied is-setgħa finanzjarja tal-SGD. Huma tkellmu b'appoġġ għaż-żamma tas-superpriorità tad-depożiti koperti/SGD.

Bħala soluzzjonijiet alternattivi għall-kompromess, huma ssuġġerew li tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost id-depożitanti li d-depożiti mhux koperti tagħhom jistgħu jiġu rikapitalizzati internament, kif ukoll li tiġi offruta aktar trasparenza dwar il-kondizzjoni finanzjarja tal-banek sabiex il-pubbliku jkun jista' jivvaluta b'mod affidabbli r-riskji tar-rikapitalizzazzjoni interna. Proposta oħra kienet li jiġi ddikjarat FOLTF minn kmieni, meta bank li jkun qed ifalli jkun għadu ma akkumulax telf. L-Istati Membri f'dan il-grupp kienu kontra l-opzjonijiet ta' finanzjament li jkunu jeħtieġu bidliet fil-kondizzjoni ta' limitu ta' TLOF ta' 8 %, li huma qiesu bħala element immutabbli tal-qafas tal-BRRD.

Stati Membri oħra ħassew il-ħtieġa li d-depożiti għajr id-depożiti eliġibbli jiġu protetti minn rikapitalizzazzjoni interna oġġla mil-limitu ta' kopertura u problema meta la l-fondi ta' riżoluzzjoni u lanqas l-SGD ma jkunu aċċessibbli biex jiffinanzjaw riżoluzzjoni meta jkun meħtieġ. F'xi każijiet, dan jista' jagħmel il-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti, filwaqt li fl-istess ħin jiproteġu l-flus tal-kontribwenti, impossibbli. Issemmew effetti sekondarji possibbli fuq l-istabbiltà finanzjarja fil-każ li r-rikapitalizzazzjoni interna tad-depożiti tnaqqas il-kapaċità ta' ripagament ta' dawk li jissellfu mill-banek. Barra minn hekk, friżoluzzjoni, b'kuntrast mal-likwidazzjoni, il-preżervazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi toħloq il-ħtieġa li jiġi ppreżervat il-valur ta' franchise, li jikkostitwixxi raġuni oħra biex jiġu protetti depożiti minbarra depożiti koperti friżoluzzjoni. Xi Stati Membri sostnew favur il-protezzjoni tad-depożiti lil hinn minn dawk ta' persuni fiżiċi u l-mikrointrapriżi u l-SMEs. Id-depożiti korporattivi ssemmew f'dan ir-rigward. Idea oħra kienet li jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni abbażi ta' motivazzjonijiet ta' trasferimenti ta' assi/obligazzjonijiet, eż. il-ħtieġa li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja jew li tiġi ppreservata relazzjoni kummerċjali siewja, skont in-natura ta' kull każ ta' riżoluzzjoni. Abbażi ta' similaritajiet mad-depożitanti, Stat Membru wiehedsostna favur protezzjoni saħansitra usa' (jiġifieri biex jiġu inklużi d-detenturi ta' bonds bl-imnut) u anke għall-protezzjoni f'likwidazzjoni.

Il-ħtieġa għal livell proporzjonat ta' MREL għal banek żgħar u ta' daqs medju ġiet ikkwotata minn xi wħud bħala raġuni għaliex l-aċċess għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni jista' jkun nieqes għal dawn il-banek. Dawn l-Istati Membri qablu, b'mod ġenerali, mal-idea li t-trasferimenti tal-assi/obbligazzjonijiet għandhom ikunu l-għodda li tintgħażel f'każijiet ta' riżoluzzjoni bħal dawn. Sabiex jitwessgħu l-possibbiltajiet għall-involviment tas-SGD fil-finanzjament tat-trasferimenti, huma rrakkomandaw bidliet fil-ġerarkija tal-kredituri li jappoġġaw il-finanzjament ta' trasferimenti bħal dawn. Xi Stati Membri f'dan il-grupp appellaw għall-possibbiltà li l-limitu ta' 8 % ta' TLOF jiġi rivedut, eż. billi dan il-limitu jiġi sostitwit b'rekwiżit li l-obbligazzjonijiet kollha eliġibbli għall-MREL tal-bank għandhom ikunu soġġetti għall-kondiviżjoni tal-piżijiet. Stat Membru wieħed ippropona wkoll li tiġi eżaminata l-kontribuzzjoni massima tal-fond ta' riżoluzzjoni ta' 5 % ta' TLOF tal-bank permessa mill-BRRD.

L-Istati Membri kienu xettiċi dwar l-idea li jitwessa' l-assorbiment tat-telf ex ante tal-banek billi l-obbligazzjonijiet mhux bl-imnut li jistgħu jiġu rikapitalizzati internament, li attwalment ma jgħoddux bħala MREL, isiru eliġibbli għal-limitu ta' TLOF ta' 8 % għall-finijiet tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, bħala komplement għal opzjonijiet oħra ta' finanzjament.

L-EDIS issemmiet bħala garanzija ta' kontinġenza ta' likwidità importanti għas-SGD minn xi Stati Membri li jappoġġaw il-proposta, iżda anki minn xi wħud minn dawk li huma kontriha. L-allinjament tar-responsabbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet mal-allokkazzjoni tal-kost bejn il-livell nazzjonali u dak ċentrali ġie invokat f'dan ir-rigward (bħalma ġiet invokata, f'kuntest differenti, il-ħtieġa ta' allinjament fil-governanza fil-kuntest ta' problemi li jinqalgħu jekk l-MREL jiġi stabbilit fil-livell ċentrali iżda r-responsabbiltà finanzjarja (SGD) tibqa' fil-livell nazzjonali). Madankollu, Stati Membri oħra wissew li s-CMDI ma għandux jintrabat mal-EDIS u enfasizzaw il-ħtieġa li l-qafas tas-CMDI jaħdem mingħajr garanzija ta' kontinġenza komuni għall-assigurazzjoni tad-depożiti.

Bejn iż-żewġ gruppi ta' Stati Membri msemmija hawn fuq kien hemm grupp iżgħar li rrikonoxxa l-eżistenza ta' xi wħud mill-problemi li mmotivaw id-dokument informali u baqgħu disposti jikkunsidraw xi wħud mis-soluzzjonijiet proposti fih. Xi wħud raw il-benefiċċju li jiġu differenzjati aktar l-istrategġiji ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari bejn dawk tal-banek miftuħa u dawk magħluqa. Il-potenzjal li raw f'dan l-approċċ huwa l-aċċess għal riżoluzzjoni għal aktar banek, iżda b'rekwiżit tal-MREL aktar proporzjonat meta mqabbel mar-rekwiżit li jiġi mal-istrategġija ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-banek miftuħa. Dawn l-Istati Membri qalu li setgħu jappoġġaw il-proposta biss jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Pereżempju, il-banek għandhom joħorġu mis-suq, għandhom isiru aġġustamenti għall-kundizzjonijiet għall-miżuri preventivi tas-SGD, u għandhom jittieħdu miżuri biex jingħalqu alternattivi li jeżistu fil-qafas attwali u li jippermettu lill-banek jagħżlu l-aktar rotta favorevoli għall-ħruġ mis-suq, eż. f'termini li kredituri privileġġati jkunu (ma jkunux) soġġetti għall-kondiviżjoni tal-piżijiet (ara hawn taħt). F'termini ta' liema tip ta' depożiti għandhom jiġu protetti, issemmiet il-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi allinjat mal-ġerarkija tal-kredituri fl-insolvenza sabiex jiġi evitat il-ksur tal-prinċipju tal-NCWO. Dawn l-Istati Membri jistgħu jkunu lesti li jikkunsidraw l-użu ta' strategġiji ta' trasferiment ifffinanzjati minn SGD, iżda mhux għal tibdil fil-limitu ta' 8 % ta' TLOF biex jiġu aċċessati l-fondi ta' riżoluzzjoni.

Id-diskussjoni kompliet fuq l-użu ta' alternattivi għall-qafas ta' riżoluzzjoni biex jinkisbu riżultati simili (riżoluzzjoni jew likwidazzjoni), iżda b'allokazzjoni differenti ta' telf fost il-kredituri (privileġġati) tal-banek u s-sorsi ta' finanzjament użati, jiġifieri l-hekk imsejħa rotot ta' ċirkomvenzjoni. Ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-istat għall-banek huma element importanti tal-qafas li jiggwida dawn id-deċiżjonijiet. F'Novembru 2020, il-Grupp tal-Euro f'format inklużiv stieden lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-qafas tal-għajjnuna mill-istat għall-banek, stipulat fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013. Filwaqt li dan il-proċess għadu kif beda, id-diskussjoni ffukat fuq il-potenzjal ta' titjib għall-qafas ta' riżoluzzjoni biex titnaqqas il-ħtieġa għal għajjnuna mill-istat (għajjnuna għal-likwidazzjoni).

Kien hemm ħafna allinjament bejn kif l-Istati Membri raw il-proposta u kif raw l-użu ta' alternattivi għall-BRRD. L-Istati Membri qablu li jeżistu dawn l-alternattivi. Però ma qablux dwar jekk l-użu ta' dawn l-alternattivi jiżdiedx jew le minħabba nuqqasijiet fil-qafas u li għalhekk jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jiġi diżinċentivat dak l-użu. Xi Stati Membri ma ħassewx il-ħtieġa li jibdlu l-inċentivi tal-qafas, iżda ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni li bħalissa jippermettu l-użu ta' alternattivi. Jekk tibqa' l-għajjnuna għal-likwidazzjoni, huma talbu li l-kondiviżjoni tal-piżijiet f'għajjnuna għal-likwidazzjoni għandha tiġi allinjata ma' dik fir-riżoluzzjoni biex jiġu ppreservati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' għall-banek.

Stati Membri oħra ħassew il-ħtieġa li jingħalqu r-rotot ta' ċirkomvenzjoni, iżda rrikonoxxew li parti mill-problema toriġina min-nuqqasijiet tal-qafas attwali, eż. aċċess insuffiċjenti għal finanzjament ipprovdut mill-industrija fir-riżoluzzjoni, jew li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku ma tkunx definita b'mod wiesa' biżżejjed biex tinkludi l-banek kollha fejn tkun meħtieġa riżoluzzjoni. Madankollu, kien hemm differenzi sostanzjali fil-fehmiet dwar kif dan għandu jiġi solvut. Xi wħud qiesu li l-għeluq tar-rotot ta' ċirkomvenzjoni u l-iżgurar ta' aċċess aktar faċli għat-trasferiment ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni bħala marbuta direttament, u talbu li l-aċċess għall-għajjnuna għal-likwidazzjoni u l-użu ta' fondi alternattivi tas-SGD għandhom jitnaqqsu b'mod sostanzjali wara li l-finanzjament ta' riżoluzzjoni jsir aktar aċċessibbli. Oħrajn sostnew li jekk tiżdied id-disponibbiltà ta' finanzjament ipprovdut mill-industrija, kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll fil-likwidazzjoni, il-ħtieġa li tintuża għajjnuna għal-likwidazzjoni titnaqqas b'mod deċiżiv.

L-għodod ta' trasferiment simili għal dawk imsemmija fil-proposta (li għandhom jintużaw fir-riżoluzzjoni bankarja) jistgħu wkoll inaqqsu l-ispiża tal-intervent pubbliku f'likwidazzjoni (bħala miżuri alternattivi tas-SGD). Għalhekk, sett ieħor ta' mistoqsijiet staqsa jekk l-Istati Membri jaqblux li meta jsir l-allinjament tal-kondiviżjoni tal-piżijiet mill-kredituri f'riżoluzzjoni u likwidazzjoni, miżuri alternattivi tas-SGD ma għandhomx ikunu soġġetti għall-istess allinjament bħall-ghajjnuna għal-likwidazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri ġew mistoqsija jekk iħossux il-ħtieġa ta' allinjament lil hinn mill-qafas tal-ghajjnuna mill-istat, u fir-rigward ta' liema elementi għandu jingħalaq l-użu ta' alternattivi għall-BRRD.

Għadd żgħir ta' Stat Membri biss wieġbu għall-mistoqsija dwar jekk, f'termini ta' kondiviżjoni tal-piżijiet, miżuri alternattivi u ghajjnuna għal-likwidazzjoni għandhomx jiġu ttrattati bl-istess mod, fejn ħafna kienu tal-fehma li dan ma għandux ikun il-każ. Xi wħud mill-Istati Membri li ma wegħbux il-mistoqsija madankollu enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi çċarata l-interazzjoni tal-ghajjnuna mill-istat ma' miżuri alternattivi tas-SGD, eż. id-diverġenza bejn it-ttrattament tal-ghajjnuna mill-istat ta' miżuri preventivi u ta' miżuri alternattivi, u bejn it-ttrattament ta' SGD privati versus SGD pubbliċi, kif ukoll il-kapaċità li jiġu imposti rekwiżiti ta' kondiviżjoni tal-piżijiet f'miżuri alternattivi.

Fir-rigward ta' liema bidliet oħra huma neċessarji fil-qafas tal-BRRD sabiex l-inċentivi bejn ir-riżoluzzjoni u l-likwidazzjoni jiġu allinjati, waħda mill-kwistjonijiet imsemmija kienet l-istrategġija ta' riżoluzzjoni tal-SPE li toħloq ġerarkija tal-kredituri bbażata fuq il-gruppi li hija differenti minn dik ibbażata fuq l-entità legali applikabbli fl-insolvenza, li tirriżulta f'kondiviżjoni differenti tal-piżijiet. Idea oħra proposta kienet li l-użu tal-ghajjnuna għal-likwidazzjoni u l-miżuri alternattivi tas-SGD jintrabat b'mod espliċitu mal-ħruġ mis-suq ta' bank. Idea oħra kienet li jiġi introdott, fil-miżuri alternattivi tas-SGD, limitu fuq l-anzjanità ta' obligazzjonijiet trasferibbli biex jiġu evitati trasferimenti ta' bonds li jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti fost id-detenturi tal-bonds.

4. Armonizzazzjoni possibbli tal-proċeduri ta' stralċ għall-banek

Fit-tieni dokument informali tagħha, il-Presidenza tirrifletti dwar l-interazzjoni tar-reġim ta' riżoluzzjoni ma' proċeduri ta' stralċ għall-banek u l-kunċett ta' proċedimenti normali ta' insolvenza taħt il-BRRD. L-intenzjoni hija li ssir riflessjoni għal darba oħra dwar ir-riżoluzzjoni versus id-dikotomija tal-likwidazzjoni, li ġiet integrata fil-qafas tal-BRRD meta nħolqot. Il-karatteristiċi tal-qafas inbnew madwar dik id-dikotomija, u d-dibattiti preċedenti dwar ir-rieżami tas-CMDI wrew differenzi importanti fil-fehmiet tal-Istati Membri dwar xi kwistjonijiet fundamentali relatati mal-proċeduri normali ta' likwidazzjoni u ta' stralċ applikabbli għall-banek. Id-dokument informali huwa ta' natura kunċettwali u ma jinkludix tweġibiet għal mistoqsijiet prattiċi, eż. dwar il-kwistjoni tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni u likwidazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-aċċess tiegħu.

Il-punt tat-tluq huwa li hemm interess pubbliku mhux biss fir-riżoluzzjoni iżda anki fl-istralċ tal-banek: insolvenza "atomistika", li hija prevista għal kumpaniji mhux finanzjarji, mhijiex forma ottimali ta' stralċ għall-banek minħabba l-effetti negattivi tagħha fuq l-istabbiltà finanzjarja. Id-dokument informali għalhekk jipproponi li jiġu definiti l-karatteristiċi ta' qafas ta' stralċ possibbli komuni għall-Istati Membri kollha. Dan ikun jinkludi (i) definizzjoni komuni mtejba ta' stralċ fil-BRRD sabiex ikun ċar liema proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza jaqgħu taħta; (ii) karatteristiċi minimi definiti b'mod ċar u skattaturi ta' proċedura normali ta' stralċ għall-banek; u (iii) setgħat superviżorji speċjali applikabbli wara dikjarazzjoni ta' FOLTF u rtirar eventwali tal-awtorizzazzjoni.

Għadd żgħir ta' Stati Membri qablu mal-eżistenza ta' interess pubbliku f'likwidazzjoni iżda sostnew li, jekk ikun hemm interess pubbliku, il-bank għandu jidħol f'riżoluzzjoni. Xi Stati Membri appoġġaw l-użu ta' ċerti għodod u setgħat ta' risoluzzjoni fil-proċeduri ta' stralċ, u għamlu referenza għall-prinċipju tal-proporzjonalità. Dawn kienu disposti jikkunsidraw l-espansjoni ulterjuri ta' għodod u proċeduri bħal dawn fl-UE, tal-inqas jekk l-opzjoni li jintużaw proċedimenti normali ta' insolvenza tibqa' possibbli wkoll. Xi wħud indikaw li kienet meħtieġa aktar analiżi sabiex jiġu identifikati l-ostakli preċiżi li jfixklu tali għodod u proċeduri fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. Oħrajn, madankollu, kienu tal-fehma li l-proċedimenti normali ta' insolvenza fis-seħħ fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom ipprevedew oqfsa sodi biżżejjed li jippermettu ħruġ mis-suq ordnat mill-banek FOLTF. Xi wħud kienu kontra armonizzazzjoni ulterjuri tal-oqfsa nazzjonali ta' stralċ u l-applikazzjoni ta' għodod simili għal risoluzzjoni fl-oqfsa ta' likwidazzjoni nazzjonali tagħhom. Huma semmew ostakli legali, u xi kultant kostituzzjonali, għall-introduzzjoni ta' setgħat amministrattivi barra r-risoluzzjoni.

Il-kunċett ta' valutazzjoni tal-interess pubbliku, użat fil-qafas attwali bħala l-fattur determinanti li jissepara r-risoluzzjoni ta' bank mil-likwidazzjoni tiegħu, tqies b'mod wiesa' mill-Istati Membri bħala l-approċċ it-tajjeb. Id-dikotomija tqieset bħala importanti. Minkejja li l-approċċ attwali ta' valutazzjoni tal-interess pubbliku, bħal f'dibattiti preċedenti f'diversi fora, kien meqjus minn xi wħud li jeħtieġ xi aġġustamenti biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-prevedibbiltà u t-trasparenza, dawn l-Istati Membri appoġġaw it-twessigħ tal-mandat tar-risoluzzjoni għal diversi punti (għall-kuntrarju tal-estensjoni tal-interess pubbliku fil-likwidazzjoni).

L-irfinar tad-definizzjoni ta' stralċ fil-BRRD kien appoġġat b'mod wiesa', bħalma kien appoġġat l-objettiv ta' ħruġ mis-suq wara valutazzjoni negattiva tal-interess pubbliku. Madankollu, il-fehmiet dwar x'għandhom ikunu l-implikazzjonijiet tal-ħruġ mis-suq kienu diverġenti. Kienet meħtieġa analiżi ulterjuri dwar kif tista' tintlaħaq lista ċara ta' liema proċeduri f'kull ġurisdizzjoni jgħoddu bħala stralċ u liema għandhom ikunu l-iskattaturi komuni tal-insolvenza. Ġiet espressa l-ħtieġa li titħalla miftuħa l-possibbiltà ta' proċedura ġudizzjarja, peress li din xi kultant toffri vantaġġi fuq approċċ amministrattiv, eż. f'termini ta' ċertezza legali jew ta' possibbiltà ta' insolvenza kkoordinata għal holdings li jinvolvu kemm banek kif ukoll ditti mhux bankarji. Fir-rigward tar-rabta mal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri enfasizzaw l-importanza li tinżamm in-natura mhux awtomatika tal-proċedura u li jiġu ppreservati s-setgħat diskrezzjonali tas-superviżuri li huma meħtieġa biex jiġi żgurat ħruġ f'waqtu iżda ordnat mis-suq. Xi wħud semmew li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni kien l-uniku skattatur tal-insolvenza għall-banek fl-Istat Membru tagħhom.

Il-proposta biex il-ħruġ ordnat mis-suq ta' bank jiġi stabbilit bħala objettiv espliċitu ta' riżoluzzjoni, flimkien mal-ħames objettivi ta' riżoluzzjoni eżistenti tal-Artikolu 31 tal-BRRD, intlaqgħet b'xettiċiżmu ġenerali. Xi Stati Membri qisuha konfliġġenti ma' objettivi oħra ta' riżoluzzjoni u b'mod partikolari ma' xi strateġiji ta' riżoluzzjoni, jiġifieri rikapitalizzazzjoni interna tal-banek miftuħa. Oħrajn esprimew dubji dwar il-ħtieġa għal din l-azzjoni, peress li bħalissa ma hemm l-ebda ostaklu għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jimmaniġġjaw il-ħruġ mis-suq ta' bank. Issemma li anke bank żgħir ħafna għandu jkun eliġibbli għal miżuri ġudizzjarji ta' riorganizzazzjoni.

Id-dokument informali ppropona li l-awtoritajiet kompetenti/ta' riżoluzzjoni jingħataw setgħat addizzjonali li għandhom jiġu applikati għall-banek li jkunu ġew iddikjarati bħala FOLTF u li jkun ser jiġu stralċjati. Dan ikun jinkludi setgħat biex jinħatar manġment speċjali, jiġu applikati għodod għall-bejgħ tan-negozju u s-separazzjoni tal-assi u tinbeda likwidazzjoni frammentarja, bil-għan li jiġi ssodisfat aħjar l-interess pubbliku fil-qafas ta' proċess ġust. Madankollu, b'mod ġenerali l-Istati Membri qiesu s-setgħat previsti mill-qafas attwali bħala suffiċjenti. Bħala alternattiva, Stat Membru wieħed ippropona li jkun hemm koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet meta bank ikun qed joqrob lejn dikjarazzjoni ta' FOLTF. Dan jiżgura li l-awtorità tar-riżoluzzjoni tkun lesta meta l-awtorità kompetenti tiddikjara bank bħala FOLTF.

5. Suġġetti relatati mat-tnaqqis tar-riskji fis-settur bankarju

Taħt il-Prezidenza Slovena, bdiet il-ħidma fuq żewġ proposti leġiżlattivi li, ladarba jiġu adottati, ser ikollhom impatt importanti fuq it-tnaqqis tar-riskji fis-sistema bankarja tal-UE, jiġifieri l-pakkett kontra l-ħasil tal-flus, ippreżentat mill-Kummissjoni f'Lulju, u l-pakkett dwar ir-Rekwiżiti Kapitali, ippreżentat f'Ottubru. Il-Prezidenza bdiet in-negozjati fil-Kunsill dwar iż-żewġ proposti immedjatament. Barra minn hekk, id-direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu, li ġiet innegozjata bejn il-koleġiżlaturi taħt il-Prezidenza Portugiża u li għandha l-għan li trawwem l-iżvilupp ta' swieq sekondarji għal self li ma jrendix, ġiet approvata mill-Kunsill fid-9 ta' Novembru 2021 u ser tidħol fis-seħħ sa tmiem din is-sena.

6. Kummenti tal-għeluq

Il-Presidenza tistieden lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-rapport, bil-ħsieb li titkompla l-ħidma.

Il-Presidenza Franċiża hija mistiedna tibni fuq il-progress li sar u tkompli taħdem lejn it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja.
